XGĦAJRA

Minuti tal-21Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xgħajra li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar it-Tnejn, 26 t'April 2011, fis-6.00pm

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sindku | Anthony R. Valvo |
| Vici Sindku | Joseph Azzopardi |
| Il-Kunsilliera | Antonia Buttiġieġ |
| | Marie Claire Decelis |

**L-Uffiċjali:**

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju | Ranier Busuttil |

1. Item Nru.1 Fuq l-Aġenda – Attendenza w apoloġiji – Kullħadd preżenti minbarra s-Sur Mario Buħaġiar li kien skużat għax huwa msiefer.

2. Item Nru. 2 fuq l-Aġenda – Il-Minuti tal-laqgħa ta' qabel ġew moqrija w approvati.

3. Item Nru.3 fuq l-Aġenda- Matters Raising – Punti li joħorġu mill-Minuti li ġew moqrija.

3.1. Outflow ta' l-għargħar – is-Sinkdu qal li jidher li sabu post ieħor minn fejn ser joħroġ u għax-Xgħajra di hija ħaġa pożittiva. Il-l-korrispondenza mal-MEPA dwar dan ġiet imqegħdha fuq is-sit tal-Kunsill.

3.2.Insurance – Il-kuntratt mal-Brokers li għandna eżistenti ser jiskadi nhar is-16 ta' Mejju. Is-Sindku ppropona li sakemm tinħareġ sejħa għall-offerti nitolbu estenżjoni ta' xaghrejn. It-Tender irid jinħareġ għal min ser joffri l-Insurance in generali mbagħad sta għall-brokers li jekk iridu jibbiddjaw. Dan min ħabba li jekk ikollna l-insurance minn għand l-underwirter mill-ewwel, hemm mnejn tkun orħos fil-prezz. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

3.4. Is-Sindku qal li l-awdituri lestew mill-awdijtar propju llum u issa jmiss li nistennew il-*Management Letter* min għandhom

3.5. Skema Energy Saving – Il-Kunsill qabel li jiġu vvutati €2,000 oħra apparti it-8,000 li ngħatajna mill-iskema *Energy Saving* biex inkunu nistgħu noħorġu t-tender tal-pannelli fotovoltajiċi sa budget massimu ta' €10,000.

3.6. Is-Sindku tkellem ukoll fuq il-playing field li ġie ordnat u qal li s'issa għandna ordnat il-playing station, 2 swings, 2 springers, climer, bankijiet u rubbish bins. Is-Sindku fakkar li din l-ispiża ser tlaħħaq is-somma ta' €37,000 u li l-Kunsill ser iġib 36,000 mill-fondi tal-UIF tal-MEPA. Is-Sindku żied u qal li apparti dan kollu biex ikun komplut il-playing field ser ikollna bżonn ukoll *rubber flooring* li qed ikun prevedut li ser ilaħħaq is-somma ta' €8,600.

3.7. Il-Bus Stop li kellha tiġi fil-kantuniera ta' Triq il-Knisja ser issir aktar l-isfel għal Dawret ix-Xatt.

4. Item Nru.4 fuq l-Aġenda – Korrispondenza.

4.1. Ittra mix-Xgħajra Tornadoes rigward talba għall-finanzi. Is-Sindku qal li l-Kunsill diġa' qed jgħin permezz ta' l-għajnuna mill-Water Services Corporation tal-Kuntrattur Schembri Barbros li bis-saħħa tal-Kunsill ser jikkontribwixxi għal sponsor ta' coaches tal-futbol u peress li l-art ta' madwar il-grawnd hija devoluta fuq il-Kunsill, ħadna ħsieb li nagħmlu xi xogħol t'upgrading u ssir tabella.

4.2. Is-Sindku semma wkoll li l-Kunsill għadu kif għamel ftehim mal-MEUSAC li għalih ħallas €500 bħala depożitu biex jgħinuna fl-applikazzjoni għall-proħett li huwa parzjalment iffinanzjat mill-EU, ERDF. Din l-applikazzjoni hija mmirata biex isis il-Phase 2 tal-proġett tal-Belveder fi Triq il-Fortizza tal-Grazzja.

4.3. Wara meeting li kien hemm ma' Dr. Chris Said, fejn ġie diskuss il-compensation ta' l-Allokazzjoni ta' l-aħħar tlett snin. Is-Sindku qal li fl-aħħar tlett snin kellna żieda sostanzjali fuq kiri ta' premises u żieda fuq il-konsum ta' l-elettriku li dawn kollha mhumiex fl-allokazzjoni jew li ma kellniex żieda fuqhom. Aooarti hekk kien hemm ukoll ħruġ ta' tenders ġodda li kienu għoljin u li dawn ma kellniex rimbrs għalihom. Is-Sindku qal dan kollu minħabba l-formula li jaħdmu l-allokazzjoni biha, baqgħet dejjem fixed u Dr. Said assigurah li din il-formala għandha tiġi mibdulha u amendata. Is-Sindku rrimarka li l-Kunsill tax-Xgħajra qiegħed minn taħt b'€35,000 fis-sena.

Fuq dan il-punt ukoll is-Sindku qal li l-Kunsill tax-Xgħajra jkollu joqgħod lura minn xogħol ta' bankini eċċ peress li żdiedu ħafna l-ispejjeż ta' l-iskart. Dr. Said qallu wkoll li din is-sena qegħdin minn taħt f'dak li għandu x'jaqsam ma' fondi ta' l-iskemi kkumparat mas-sena ta' qabel fejn kellu a disposizzjoni l-ammont ta' €500,000. Dr. Said assigurah li ser jirrevedi dan kollu u s-Sindku tah ukoll il-comparisons.

4.4. Ġie diskutt il-follow-up ta' xogħol li hemm bżonn madwar ix-Xgħajra speċjalment dak li jirrekjedi lit-Transport Malta (TM). Is-Sindku semma li Triq il-Fabbriki għandha bżonn tal-lines int u dieħel fejn il-garaxxijiet. Is-Sindku kkonferma li l-Periti tat-TM għamlu site visit u bgħatu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom għall-One Way ta' Triq il-Fabbriki kif ukoll għall- yellow lines ta' Trejqet ix-Xilep.

4.5. Rigward iż-żebgħa tat-toroq ġie diskuss jekk peress li dawn qatt ma saru għandhom isiru mit-TM. Għalhekk is-Sindku qal li nkellmu lil Suzanne Borg mit=TM jew inkella lill-Perit David Vassallo.

4.6. Is-Sindku semma' wkoll li madwar tlett ġimgħat ilu kellu laqgħa mal-Ministru Austin Gatt fejn ġew diskussi t-toroq lejn Smart City. F'dan il-meeting kien

akkumpanjat mis-Sur Michael Cohen (Sindku tal-Kalkara) fejn ġew avżati li t-twessiegħ ta' Triq San Leonardu għandu jibda fil-bidu ta' Ġunju u dik minn Smart City għall-tal-Barrani qiegħed isir l-aħħar survey.

5. Item Nru. 5 fuq l-Aġenda – Progress tal-Proġett – *Sports & Recreational Centre* –

Is-Sindku qal li x-xogħol miexi sew u jonqos il-kwistjoni tla-culvert li għadu mhux ċar fejn ser imur l-ilma tax-xita u fl-istess ħin minn fejn ser iqabbdu mad-drenaġġ.

6. Item Nru 6. fuq l-Aġenda – Ġie approvat u ratifikat l-infieq tax-xahar ta' Marzu, 2011.

7. Item Nru 7 fuq l-Agenda – Ħartiet Kulturali u Xgħajra Day

7.1. Nhar il-4 u 5 ta' Ġunju ser jittellgħu l-attivitajiet ta' Lapsi. Is-Sibt 4 ta' Ġunju ser isiru l-attivitajiet mill-Knisja ta' Ħaż-Żabbar u l-Kunsill ser jieħu sehem b'numru t'inizjattivi. Is-Sibt ukoll ser jittella' tournament tal-futbol u l-Kunsill ser jippreżenta tazzi u ser ikun hemm ukoll Fun Runs u fun walk. Qiegħed jitlesta program t' attivijiet li jagħlaq b'quddiesa ta' radd il-ħajr f' Xgħajra Day, 5 ta' Ġunju fis-6pm u wara riċeviment li ġie deċiż li għandu jkun miftuh għar-residenti tax-Xgħajra.

7.2. Is-Sindku qal li nhar it-8 ta' Mejju ser issir ħarġa kulturali b'tema ta' Jum l-Omm.

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra:

8.1. Is-Sindku qal li l-Kunsill ilu snin ifittex garaxx imdaqqas viċin iċ-Ċentru tax-Xgħajra. Dan ikun ideali għall-Kunsill peress li qegħdin viċin is-sala u l-librerija.

XGHAJRA

Għalhekk is-Sindku ppropona li jinkrew dawn iż-żewġ garaxxijiet li jinfdu għas-somma ta' €900 fis-sena. Kulħadd qabel ma' din il-proposta.

8.2. Is-Sindku ssuġġerixxa li appenda tibda r-riforma tal-karozzi tal-linja fl-1 ta' Lulju, il-karozzi jibdew jinżlu minn Triq l-Ispnott. Kulħadd qabel ma' dan is-suġġeriment pero' din trid tiġi approvat Trasport Malta.

9. Item Nru. 9 fuq l-Agenda – Aġġornament :

Aġġornament għat-Tlieta 24 ta' Mejju, 2011 fis-6pm.

| | |
|---|---|
| ------------------------------------- | ---------------------------- |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |